MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 417/2004

**Carmen Hardy u zewgha Barry Hardy**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi

Premess illi l-attrici Carmen Hardy ghandha kont bankarju f'isimha mal-bank konvenut;

Premess illi ufficjali tal-bank konvenut zvelaw il-kontenut tal-kont lil terzi, senjatament lil missier ir-ragel tat-tifla tal-atturi, minn liema ragel bint l-attrici qed tissepara;

Premess illi risultat ta’ dan l-agir li jikser il-provvedimenti tal-Kap 371 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-Kummerc Bankarju, tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar is-Segretezza Professjonali, oltre l-Art 257 tal-Kodici Kriminali, l-attrici sofriet danni kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi minkejja illi interpellati (Dok A), il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghaliex il-konvenuti din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tal-ksur tad-drittijiet tal-attrici protetti bil-provvedimenti tal-Kap 371 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-Kummerc Bankarju, tal-Kap 377 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar is-Segretezza Professjonali, oltre l-Art 257 tal-Kodici Kriminali, b’risultat ta’ liema l-attrici sofriet danni;

2. Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundannhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** a fol. 10 tal-process fejn eccepiet:

1. In-nullita` tac-citazzjoni ghaliex m’hix konformi mad-dispost tal-inciz 4 (1) tat-Tariffa A annessa mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), bi pregudizzju serju ghas-socjeta` konvenuta.

2. Salv u impregudikat il-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huwa assolutament negat li xi ufficjal tas-socjeta` konvenuta ta xi nformazzjoni lil xi persuna dwar xi kont li jista` jkollhom jew kellhom l-atturi fil-Bank.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, jekk u meta jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-atti tal-kawza 418/04 fl-ismijiet Nicole Mairangas vs HSBC Bank Malta plc;

Rat id-decizjoni preliminari taghha fil-kawza 418/04;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dina il-kawza imxiet flimkien mal-kawza l-ohra Citaz Nru 418/04 fl-ismijiet Nicole Mairangas vs HSBC deciz illum u l-provi li nstemghu f'dik il-kawza japplikaw ghal dina l-kawza ukoll.

L-attur Barry Hardy xehdet li kien ir-ragel ta' bintu li kien tkellem fuq dettalji tal-kont li kellhom bintu u martu. Hu u l-mara marru l-bank konvenut u Angela Naudi kienet qaltlu illi xi hadd mill-bank kien ghadda xi informazzjoni lil missier ir-ragel ta' bintu u mhux lir-ragel dwar il-kont ta' bintu u li l-bintu kienet gibdet xi flus mill-kont tat-tfal u li martu kellha kont b'hafna flus fih.

L-attrici xehdet li kienet ghand it-tifla Nicole Mairangas u xi hin gie r-ragel ta' bintha biex jaghtiha xi flus. Tnejn mit-tfal nizlu ma' bintha u wara ftit wiehed minnhom telgha hdejha u qalilha li sema' lil missieru jghid li hi kellha hafna flus f'kont il-bank. Dan it-tifel staqsiha biex taghtihom il-flus. Meta telghet, bintha staqsietha l-istess jekk hi kellhiex xi kont b'hafna flus fih ghaliex ir-ragel taghha kien

ghadu kif qalilha illi hi kienet qed izzommilha flusha u li kellha kont b'hafna flus fih.

L-impjegata tal-bank, Karen Degiorgio, kemm quddiem dina l-Qorti kif ukoll fl-istatement taghha li hija ghamlet lill Pulizija rigwardanti l-allegazzjoni ta' l-atturi f'dina l-kawza, qalet li dwar il-kont ta' Mrs Hardy, Pantelis Mairangas qatt ma staqsiha u hi qatt ma kienet semghet dwaru u qatt ma dahlet f'dak l-kont. Dan gie konfermat mill-istess Pantelis Mairangas fix-xhieda tieghu, u minn Angela Naudi li kienet investigat il-kaz internament fil-bank konvenut.

Mill-qbija l-atturi ma gabu l-ebda prova li turi li fil-fatt dak li xehdet Karen Degiorgio mhux minnu jew li hija svelat xi bilanc tal-kont bankarju ta' l-attrici. Dak li xehdet Nicole Mairangas dwar l-informazzjoni li qalet li kellu zewgha fuq il-kontijiet bankarji tat tfal u ta' ommha mhux prova li fil-fatt zewgha kien ottjenieha dina l-informazzjoni mill-bank, u dak li ntqal bejn il-konjugi Mairangas irid jigi valutat fil-kuntest ta' argument shun dwar flus u manteniment bejn koppja li qedgha fi process ta' separazzjoni u li mhux necessarjament dak li kollu li jinghad hu dejjem bazat fuq fatti verifikabbli .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Li l-atturi ma ppruvawhx it-talba taghhom
U ghalhekk dina t-talba qed tigi michuda
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------